MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru 163/15LM

**Tomas Hvizdak, detentur tal-passaport Slovakk bin-numru BA5422013 kif lokalment rappreżentat mill-mandatarju speċjali l-Avukat Dr Christopher Dalli**

**vs.**

**Eurocasinobet Limited [C 42708]**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Thomas Hvizdak** ippreżentat fl-20 ta' Frar, 2015 u konfermat bil-ġurament mill-mandatarju speċjali tiegħu l-

Avukat Dr Chrisopher Dalli kif debitament awtorizzat, li permezz tiegħu ppremetta u għamel is-segwenti talbiet:

1. *Illi s-soċjetà intimata hija soċjetà reġistrata f'Malta li topera fis-settur tal-logħob tal-azzard f'distanza (remote gaming) kif debitament awtorizzata minn liċenzja maħruġa mill-Awtorità Maltija għal-Logħob (MGA);*

2. *Illi rikorrenti ftiehem kontrattwalment mas-socjetà intimata b'kuntratt fit-18 ta' Novembru 2011, kif jidher fil-korrispondenza u kopja tal-kuntratt annessi u mmarkarti Dokumenti 'A' u 'B', biex jopera bħala 'affiliate' tas-socjetà intimata u jiddevja traffiku, u konsegwement plejers ġodda għas-siti: www.eurocasinobet.com, www.eurovikingcasino.com u www.afroditecasion.com li huma operati mis-socjetà intimata;*

3. *Illi il-partijiet qablu permezz ta' dan il-ftehim kuntrattwali, fil-klawżoli wieħed u tnejn taħt is-sezzjoni intitolata 'Payment', li r-rikorrenti jitħallas persentaġġ tad-dħul nett (fl-ammont ta' tletin fil-mija) mill-ammont li tircievi is-socjetà intimata minn plejers introdotti mir-rikorrenti;*

4. *Illi l-partijiet operaw b'dan il-mod għal perjodu ta' sena sa kemm is-socjetà intimata, f'Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) mingħajr ebda raġuni valida u b'mod illeċitu mblukkat l-aċċess għas-sezzjoni tas-siti li turi l-informazzjoni tal-attività tal-plejers introdotti mir-rikorrenti b'mod illi r-rikorrenti ma baqax f'pożizzjoni li jkun jista' jissorvelja l-attività tal-plejers u b'hekk ma setax jiddetermina l-ammont dovut lilu mingħand is-soċjetà intimata;*

5. *Illi s-soċjetà intimata bla ebda raġuni valida waqfet tagħmel pagamenti lir-rikorrenti fil-bidu tas-sena elfejn u tnax (2012), fejn l-aħħar ammont li tħallas kien dak dovut għax-xahar ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħdax (2011), b'ksur tal-klawżola tlieta (3) tas-sezzjoni intitolata 'Payment', b'hekk li saż-żmien li s-socjetà intimata mblukkat l-aċċess, l-ammont pagabbli lir-rikorrent ammonta għas-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, sebgħa mija u tmienja u sebgħin euro u tmien ċenteżmi (€27,778.08) kif indikat fis-screenshot hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'Ċ';*

6. *Illi minkejja l-fatt li s-socjetà intimata mblukkat l-aċċess tar-rikorrenti, s-soċjetà intimata qatt ma tterminat il-kuntratt bejn il-partijiet bil-proċedura preskritta fil-kuntratt taħt is-sezzjoni 'Termination' u għalhekk il-kuntratt baqa' validu skont il-liġi u jibqa' japplika bejn il-partijiet b'ċertu mod li l-'commissions' pagabbli baqgħu jiżdiedu matul iż-żmien mingħajr ma jiġu mħallsa lir-rikorrenti;*

7. *Illi bħala konsegwenza ta' dan l-aġir illeċitu mwettaq mis-socjetà intimata, ir-rikorrenti sofra danni inġenti konsistenti f'telf tal-ammont dovut skont il-kuntratt bejn il-partijiet li ħa tiġi likwida bil-provi fil-mori tal-kawża odjerna;*

*Għaldaqstant is-socjetà rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:*

1. *Tikkundanna lis-socjetà intimata responsabbli għad-danni kawżati lir-rikorrenti minħabba l-aġir illeċitu tagħhom;*

2. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-imsemmija parti tad-danni ġia ċerti, likwidati fis-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, sebgħa mija u tmienja u sebgħin euro u tmien ċenteżmi (€27,778.08) lir-rikorrenti, jew ammont ieħor verjuri dovut taħt il-kuntratt saż-żmien preżenti, bl-imgħax kummerċjali skont il-liġi sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti għall-perjodu bejn il-ġurnata tal-imblukkar tal-aċċess għas-sit sal-lum, bl-imgħax kummerċjali skont il-liġi sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kollha inklużi.*

Rat l-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà konvenuta **Eurocasinobet Limited** ippreżentati fit-28 ta' April, 2015 fejn eċċepiet b'mod preliminari dan li ġej:

1. *Illi in linea preliminari, it-talbiet attriċi huma proċeduralment insostenibbli in kwantu illi ma jikkombaċjawx mad-dikjarazzjonijiet u r-raġunijiet mogħtija fil-premessi tar-rikors promotur b'dan illi r-rikors ġuramentat huwa nieqes mir-rekwiżiti meħtieġa a tenur tal-Artikolu 156 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi wkoll in linea preliminari, it-talbiet attriċi huma proċeduralment insostenibbli inkwantu illi l-ebda talba għad-danni ma tista' tiġi akkolta jekk ma tiġix preċeduta minn talba għad-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tas-soċjetà intimata skont il-liġi;*

Rat il-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti **Eurocasinobet Limited** ippreżentata fit-28 ta' April, 2015 fejn għamlet is-segwenti kontro-talbiet:

*i.* *Tiddikjara illi r-rikonvenzjonat Tomas Hvizdak bl-aġir tiegħu kiser l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tiegħu versu s-soċjetà esponenti u li konsegwentement l-kuntratt bejn il-partijiet ġie tterminat ipso jure;*

*ii.* *Tiddikjara illi r-rikonvenzjonat Tomas Hvidzdak bl-aġir tiegħu naqas milli josserva l-provvedimenti tal-Artikolu 1124A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè obbligazzjonijiet fiduċjarji versu s-soċjetà esponenti naxxenti mir-relazzjoni tiegħu mal-istess soċjetà b'dan illi ikkaġuna danni lis-soċjetà esponenti;*

*iii.* *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni sofferti mis-soċjetà esponenti;*

*iv.* *Tikkundanna lir-rikonvenzjonat iħallas id-danni hekk likwidati u jrodd lura lis-soċjetà esponenti kull benefikat ieħor miksub, sew direttament, sew indirettament, mill-istess rikonvenzjonat bi ksur tal-obbligi kuntrattwali u fiduċjarji tiegħu;".*

Rat l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat **Tomas Hvizdak** għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti **Eurocasinobet Limited** ippreżentati fit-18 ta' Mejju, 2015 fejn eċċepixxa b'mod preliminari permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu dan li ġej:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma proċeduralment insostenibbli għaliex ma jikkombaċjax mad-dikjarazzjonijiet u r-raġunijiet mogħtija fil-premessi tal-kontro-talba b'dan illi l-kontro-talba ġuramentata hija nieqsa mir-rekwiżiti meħtieġa ai termini tal-Artikolu 156 (1) (recte) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ġunju, 2015 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet talbu illi l-kawża titħalla għat-trattazzjoni dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-socjetà konvenuta u dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-attur rikonvenzjonat għall-kontro-talba tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanta.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà konvenuta għat-talbiet attriċi u l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ġunju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà konvenuta għat-talbiet attriċi u dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti.

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta**

Is-soċjetà konvenuta eċċepiet in linea preliminari li t-talbiet attriċi huma proċeduralment insostenibbli in kwantu illi ma jikkombaċjawx mad-dikjarazzjonijiet u r-raġunijiet mogħtija fil-premessi tar-rikors promotur b'dan illi r-rikors ġuramentat huwa nieqes mir-rekwiżiti meħtieġa a tenur tal-Artikolu 156 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 156 tal-Kap. 12 jipprovdi *inter alia* li:

*"(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –*

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*

*(b) ir-raġuni tat-talba;"*

Illi din id-disposizzjoni partikolari tal-liġi proċedurali, matul is-snin ingħatat interpretazzjoni wiegħsa fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, fis-sens li ma ġietx applikata b'mod rigoruż minkejja li l-kliem tal-liġi jista' hekk jinfthiem.[1] Per eżempju fis-sentenza **Av Dr Carlo Moore noe vs. Perit Carmelo Falzon et** [2]) kien intqal li:

> *"għalhekk ġie ritenut illi l-liġi ma tirrikjediex kliem partikolari għal kif għandha ssir iċ-ċitazzjoni, biżżejjed jiftiehem xi jkun qiegħed jitlob l-attur, b'mod li l-kawżali tista' tkun espressa lakonikament, u saħansitra tista' tkun anke ndotta mid-domanda".*[3]

Illi l-istess ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Carmelo Bonnici vs. Eucharistic Zammit noe** [4] fejn l-Artikolu 156 (1) ġie mfisser b'dan il-mod:

> *"Illi l-Artikolu 156 (1) jipprovdi li l-oġġett u r-raġuni tat-talba ġudizzjarja għandhom ikunu mfissra ċar u sewwa fiċ-ċitazzjoni. Dan ma jfissirx però li kwalunkwe nuqqas da parte tal-attur għandu mill-ewwel jiġi meħud fis-sens li qed imur kontra d-dispost tal-Art. 155 (1) (illum 156 (1) tal-Kap. 12) u għalhekk iġib miegħu n-nullità taċ-ċitazzjoni. Infatti biex ċitazzjoni tiġi mwaqqfa jrid ikun hemm raġuni gravi, u fost kollox, għandu jiġi eżaminat jekk iċ-ċitazzjoni tkunx deficjenti jew żbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jiġi preġudikat fid-difiża tiegħu. Dan apparti li ċ-ċitazzjoni għandha tiġi eżaminata fit-totalità tagħha u mhux spezzettata".*

---

[1] Ara s-senteza **Sciortino vs. Micallef** (PA) deċiża fil-5 ta' Ġunju, 1959 (XLIII.II.748).
[2] PA (AM) deċiża fil-15 ta' Diċembru, 1955.
[3] Vide Kol. XXXIV.I.501; XXXIX-l-143; u XXXII-l-228.
[4] Deċiża fl-20 ta' Jannar, 1986.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Guido J Vella A&CE vs. Dr Emanuel Cefai LL.D.**[5], il-Qorti tal-Appell (Ċivili) kienet ikkonkludiet li:

> *"meta f'ċitazzjoni teżisti vjolazzjoni tal-forma in kontravenzjoni tal-Artikolu 156 (1) (a), għax ma jkunx fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort' oħra ħlief billi l-att jiġi annullat".*

Barraminnhekk is-sentenza tal-ewwel Qorti f'din il-kawża, ikkonfermata fl-Appell[6], sostniet:

> *"illi f'dawn il-każijiet huwa dejjem opportun li l-Qorti kemm jista' jkun, għall-prattiċità u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi: in-nullità tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. In fatti l-prassi odjerna mill-Qorti nostrana, anke a bażi tal-emendi magħmula bl-Att XXIV tan-1995, inkluż dawk kontenuti fl-Artikolu 175 tal-Kap. 12, hija li: "l-formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta'*

[5] Deċiża fl-4 ta' Novembru, 1991 (Vol LXXV.II.467).
[6] Ibid.

*diversi forom li jnutruh" (**Charles Fino vs. Alfred Fabri noe**[7]) u konsegwentement "l-atti għandhom jiġu salvati anzichè annullati jew dikjarati nulli" (**Dr Joseph Ellul vs. Jos. G Coleiro**[8])".*

Is-soċjetà konvenuta tikkontendi li fir-Rikors Maħluf teżisti konfużjoni fis-sens li t-talbiet tal-attur ma jikkombaċċjawx mal-premessi tal-bidu fl-istess Rikors Maħluf. Is-soċjetà konvenuta tgħid li l-premessi u r-raġunijiet għat-talba tal-attur huma bbażati fuq allegat ksur ta' kuntratt, mentri t-talbiet infushom fl-istess Rikors Maħluf jindikaw li qiegħda ssir kawża ta' natura delittwali.

Hija l-fehma tal-Qorti li l-mod kif ġie fformulat ir-Rikors Maħluf jista' jidher ambivalenti u konfuż f'dik li hija diċitura legali. Iżda xorta waħda huwa evidenti li kemm l-oġġett tal-kawża u r-raġuni għat-talba, kif ukoll it-talbiet infushom huma msejsa fuq allegat ksur ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali u d-danni li qegħdin jintalbu huma konsegwenzjali għal dan l-allegat ksur ta' kuntratt.

Illi l-ġurisprudenza su ċitata, applikata għall-fattispeċi ta' din il-kawża, twassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi madankollu li n-nuqqasijiet formali li

---

[7] QA, deċiża fit-28 ta' Frar, 1997.

[8] QA, deċiża fl-24 ta' Jannar, 1964. Ara wkoll is-sentenzi tal-PA (RCP) fl-ismijiet **Guillaumier Industries Limited vs. Reginald Fava et**, deċiża fit-28 ta' Ottubru 1998 u **Perit Vincent Cassar noe et vs. Nicholas sive Lino Debono et**, deċiża fit-22 ta' Marzu, 2000.

fih ir-Rikors Maħluf mhumiex ta' tali gravità li għandhom iwasslu ta' bilfors għan-nullità tiegħu.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-vjolazzjoni tal-forma f'dan il-każ ma ġabitx lis-soċjetà konvenuta li qiegħda titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Il-preġudizzju li s-soċjetà konvenuta setgħet sofriet fid-difiża tagħha minħabba l-imsemmija vjolazzjoni tal-forma, għal dik li hija t-tip ta' preskrizzjoni li setgħet tiġi eċċepita mis-soċjetà konvenuta, huwa preġudizzju li jista' jiġi rimedjat peress li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tiġi sollevata f'kull stadju tal-proċeduri.

Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta għandha tkun miċħuda.

**<u>L-ewwel eċċezzjoni tal-attur rikonvenzjonat għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta</u>**

Għall-istess raġunijiet imfissra aktar qabel mill-Qorti meta waslet għall-konklużjoni li l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta għandha tkun miċħuda, imma kif ukoll għax l-attur rikonvenzjonat bl-ebda mod ma ipprova jimmotiva jew imqar jiġġustifika din l-eċċezzjoni waqt it-trattazzjoni tagħha, din l-eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat (li

hija identika kelma b'kelma għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut), għandha tkun miċħuda.

**<u>It-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta</u>**

Illi bit-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha s-soċjetà konvenuta teċċepixxi l-insostenibbiltà proċedurali tar-Rikors Maħluf stante li l-ebda talba għad-danni ma tista' tiġi akkolta jekk ma tiġix preċeduta minn talba mill-attur għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tas-soċjetà konvenuta skont il-liġi.

Illi fid-dawl tal-ġurisprudenza li sar riferiment għaliha aktar qabel f'din is-sentenza, din il-Qorti tqis li l-eċċezzjoni tan-nullità minħabba n-nuqqas ta' talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità għall-ħlas ta' danni ossija nuqqas ta' talba għal dikjarazzjoni dwar non-esekuzzjoni u terminazzjoni ta' kuntratt, ma tidhirx ġustifikata fiċ-ċirkostanzi. Dan apparti li s-soċjetà konvenuta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bl-ebda mod m'hu qed tiġi preġudikata fid-difiża tagħha.

L-Artikolu 1125 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li "Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni". Barraminnhekk l-Artikolu 1133 taI-Kap. 16 jgħid li:

> *"id-debitur ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jiġi kkundannat għad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minħabba li jkun naqas għall-*

*esekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minħabba d-dewmien fl-esekuzzjoni tagħha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minħabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kienx ħtija".*

Fil-fehma tal-Qorti l-imsemmija vjolazzjoni tal-forma mhijiex ta' tali gravità li għandha twassal ta' bilfors għan-nullità tar-Rikors Maħluf. Dan għaliex minkejja li l-mod kif ġie ifformulat ir-Rikors Maħluf jagħti lok għal ċerta konfużjoni u ambivalenza, b'mod speċjali bl-użu tal-kelma "illeċitu", fl-istess waqt fir-Riskors Maħluf jeżistu l-elementi kollha meħtieġa biex jekk ikun il-każ wara li tkun instemgħet il-kawża fil-mertu, xorta waħda jistgħu jiġu sostnuti talbiet għal dikjarazzjoni dwar ksur u terminazzjoni ta' kuntratt u kundanna għal risarċiment ta' danni minħabba inadempjenza kuntrattwali.[9]

Ir-riferiment għall-hekk imsejjaħ 'illeċitu' fl-ewwel talba attriċi, ċertament għandu l-istess sens u irid jintrabat loġikament mat-tifsira li tingħata għall-kelma 'illeċitu' fil-premessi tar-Rikors Maħluf. Huwa evidenti li l-azzjoni attriċi mhijiex waħda ta' natura delittwali, u li l-attur b''illeċitu' qiegħed jifhem ksur ta' liġi ossija ksur ta' kuntratt, li huwa liġi għall-partijiet.

Illi għalhekk it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta għandha wkoll tkun miċħuda.

[9] "L'inadempimento determina a carico del debitore l'obbligo di risarcire I danni arrecati al creditore". (Manuale di Diritto Privato – Andrea Torrente e Piero Schlesinger (Decima Edizione) §394, p. 661.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi din il-Qorti qiegħda taqta' kif ġej:**

1) **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta;**

2) **Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta;**

3) **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-attur rikonvenzjonat għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura qegħdin jitħallew għas-sentenza finali.**

**Moqrija**

-------------------TMIEM---------------------